**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 2 TA' NOVEMBRU, 2001**

*Avviz. Nru 262/01 AJD*

Raymond Cutajar

vs

Frans Abela

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' April, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' mija u tnejn u ghoxrin liri Maltin (Lm122.00) rappresentanti bilanc minn somma akbar ta' oggetti mixtrija u kkonsenjati lill-konvenut u li ghadu ma hallasx minghajr ebda raguni, kif imfissra car fl-ittra legali tas-17 ta' Marzu, 2001, u l-ittra ufficjali tad-29 ta' Marzu, 2001.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tas-17 ta' Marzu, 2001, u tal-ittra ufficjali tad-29 ta' marzu, 2001, u bl-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) sal-gurnata tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament it-talba attrici hija preskritta u dan a bazi tal-Art. 2148 (b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut m'ghandu jaghti l-ebda ammont lill-attur.
3. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur.

Ra s-sentenza tat-3 ta' Settembru, 2001, fejn il-kawza giet deciza in parte.

Sema' x-xhieda tal-attur, ta' Kenneth Buttigieg u tal-konvenut. Ha konjizzjoni

tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ra l-verbal tas-seduta tal-10 ta' Ottubru, 2001, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq il-mertu.

Ikkunsidra:

1. Illi fil-mertu, l-konvenut ecepixxa l-pagament tal-ammont mitlub mill-attur fl-Avviz tat-Talba.

2. Illi fix-xhieda tieghu tal-11 ta' Lulju, 2001, il-konvenut ammetta li huwa xtara minghand l-attur l-oggetti li taghhom l-attur qed jitlob il-prezz. Huwa qal ukoll li hallas lill-attur il-prezz tal-oggetti mixtrija izda ma esebixxa ebda ricevuta li tindika li l-pagament gie effetwat.

3. Illi huwa principju baziku tal-ligi procedurali li minn jallega jrid jipprova u una volta li l-konvenut qed jeccepixxi l-pagament, l-oneru tal-prova huwa fuqu.

4. Illi fil-fehma tat-Tribunal, il-konvenut ma rnexxilux jipprova li huwa effetwa l-pagament relattiv lill-attur.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mija u tnejn u ghoxrin liri Maltin (Lm122.00) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-29 ta' Marzu, 2001, sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu interament mill-konvenut skond il-ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR